# Tribunal Industrijali

# Decizjoni Nru:2800

Kaz Nru: 3865/ET

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

Bejn

Alexander Cacciattolo

U

Alexandra Palace Ltd

*Dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Is-Sur Edmund Tabone MA, BA(Hons), Dip. Mgt.**

**Nhar il-Hamis 17 ta' Frar, 2022**

## Introduzzjoni u dikjarazzjonijiet tal-kaz

Dan il-kaz gie ntavolat mill-Avv. Elaine Degorgio fl-20 ta' Lulju 2020 b'dawn il-punti principali kif gej.

Illi r-rikorrent kien ilu jahdem mas-socjeta' ntimata hmistax-il-sena bhala pizzaiolo izda kien jinghata rwoli ohra.

F'Marzu 2020, ftit wara li faqqet il-pandemija tal-Covid19 l-awtoritajiet maltin, skont ir-rikorrent, talbu biex dawk li jbaghtu bl-*asthma* severa ma johorgux mid-dar. Ir-rikorrent ddikjara li jbaghti minn *bronchial asthma*, li hi kundizzjoni li tikkawza nefha fil-pajp tan-nifs u ta'dan ipprezenta certifikat mediku. Ukoll ir-rikorrent qal li l-mara tieghu ukoll kienet vulnerabbli.

Dwar dan kollu r-rikorrent kellem lil *Human Resources Manager* u direttur tas-socjeta' ntimata, is-Sinjura Julianne Muscat li qaltlu li minhabba f' hekk se jigi tterminat l-impjieg halli jkun jista jiehu l-assistenza ta' l-istat rigward il-Covid19 *wage supplements* u gie mwieghed li kif jghaddi kollox kien se jigi mpjegat immedjatament. Id-data tat-terminazzjoni kienet 27 ta' Marzu 2020.

Fil-15 ta' Gunju 2020, is-Sinjura Julianne Muscat ikkuntattjat lir-rikorrent biex fl-1 ta' Lulju 2020 jerga' jidhol xoghol, ghax kien fetah l-ajruport u ma baqghetx l-emergenza pubblika.

Illi fit-29 ta' Gunju 2020 is-Sinjura Julianne Muscat regghet cemplet lir-rikorrent u avzatu li ahjar jibda jfittex xoghol ghax-xoghol ghalih mas-socjeta' ntimata ma kienx hemm.

Din kienet sorpriza kbira ghar-rikorrent, wara snin twal ta' xoghol mas-socjeta' ntimata.

Illi r-rikorrent gie tterminat f'Marzu 2020, meta l-Istat introduca l-*wage supplements* sabiex hadd ma jitlef xogholu, meta s-Sinjura kient qalet lir-rikorrent li biex jiehu din l-ghajnuna mill-Gvern kellhom jitterminawlu l-impjieg.

Illi kien wiehed mill-ftit haddiema li xogholu gie tterminat fuq bazi ta' nuqqas ta' xoghol minkejja li kien hemm hafna li dahlu warajh u zammew posthom mas-socjeta' ntimata. Ukoll ir-rikorrent dejjem ghamel xogholu sew u qatt ma kellu xi twissija verbali jew bil-miktub.

Illi s-sitwazzjoni fis-socjeta' ntimata ma baqghtex sew meta l-ulied tas-sid, is-Sinjuri George u Chris Spiteri, bdew ikollhom iktar sehem fit-tmexxija. L-ghajjat u l-intimidazzjoni taghhom kienet saret ir-regola u kienu jwettqu *harassment* u *bullying* mar-rikorrent biex jipprovokawh. Dan kien ukoll ta'detriment ghal sahhtu.

Illi ir-rikorrent spicca bla xoghol u ghadu bla xoghol, sa meta nbdew dawn il-proceduri. Illi s-socjeta' ntimata qas hallset il-perjodu tan-*notice* lir-rikorrent li jlahhaq tnax-il-gimgha.(nota: dan gie eventwalment imhallas f' Ottubru 2020).

Ir-rikorrent cert, li mhux minnu li tkecca ghax ix-xoghol naqas, imma kienet biss opportunita biex jehilsu minnu bhal ma ghamlu ma ftit haddiema ohra li kollha kellhom *seniority* twila mas-socjeta' ntimata.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent tenna li t-terminazzjoni kienet wahda abbuziva u kontra l-ligi u li jimmerita kumpens xieraq ghad-danni li sofra, kif ukoll il-hlas tan-*notice period*, *leave* pendenti u *bonuses* ohra skont il-ligi.

Fid-dikjarazzjoni taghha is-socjeta'ntimata, permezz tal-Avukati taghha Avv. Roselyn Borg u Avv. Partrick Farrugia ddikjarat kif gej.

L-Avukati tas-socjeta' ntimata bdew billi nfurmaw lit-Tribunal li l-isem tas-socjeta' ntimata mhux korrett. Dan gie kkoregut fl-ewwel seduta ghal Alexandra Palace Ltd.

Illi s-socjeta' ntimata tichad kull allegazzjoni dwar l-allegata tkeccija ngusta u se tipprova illi t-tkeccija ma kienet tkeccija xejn.

Illi filwaqt li x-xoghol originali tar-rikorrent kien ta' *pizzaiolo,* dan thalla fl-impjieg b'xoghol ta' dulcier wara li l-pizzeria tal-lukanda kienet ghalqet. Dan sar biex ma jitlifx l-impjieg.

Illi f' Marzu 2020, is-socjeta' ntimata kienet obbligata taghlaq il-lukanda fuq ordni ta'l-awtorita tas-sahha minhabba l-Covid19, filwaqt li d-dirigenti tal-lukanda hadmu fuq pjan biex il-lukanda tkun tista tiftah f' Marzu 2021.

Illi minhabba n-numru zghir li s-socjeta' ntimata timpjega, d-diregenti rnexxielhom isibu xoghol alternattiv gol-lukanda stess ghal haddiema kollha sabiex hadd ma jispicca bla xoghol. Ezempju kokijiet bdew jaghmlu xoghol ta' gwardjani jew xoghol ta' manutenzjoni. Dawn baqghu jithallsu s-salarju regolari taghhom.

Illi r-rikorrent, kontra kull mpjegat iehor, ma ried jaghmel l-ebda xoghol alternattiv u informa lis -Sinjura Julianne Muscat li kien ibaghti minn *'hay fever'* minghajr ma pprovda l-ebda ittra ufficjali mill-awtorita tas-sahha li tikklasifikah vulnerabbli u xtaq jibqa d-dar bil-*leave*.

Illi r-rikorrent talab lis-Sinjura Julianne Muscat biex titterminalu l-impjieg ghax sahaq li kien jaqbillu ghax kien se jiehu aktar assistenza monetarja billi jkun tterminat ghax kien se jiehu assitenza medika ukoll u ghaldaqstant kienet decizjoni li ha hu stess.

Illi s-socjeta' ntimata laqghet it-talba tar-rikorrent u taghtu s-sensja bil-prospett li jerga jigi mpjegat meta l-lukanda terga tiftah f' Marzu 2021 kif kien il-pjan dak iz-zmein u anke kif tipprovdi l-ligi li meta persuna tinghata s-sensja l-impjieg jkun ottenibbli sa zmien sena.

Illi meta harget l-ahbar li l-ajruport se jerga jiftah f' Lulju 2020, id-dirigenti tas-socjeta' ntimata biddlu l-pjan u bdew ihejju biex il-lukanda terga tiftah f' Lulju 2020 bl-ghan li terga' taghlaq f' Settembru 2020.

Illi meta l-lukandi thallew jifthu mill-Lulju 2020 dawn setghu biss iservu *buffet al la carte* u ghaldaqstant naqas certu konsum, specjalment dak tal-helu u pasti.

Illi qabel Marzu 2020 ir-rikorrent kien dahal impjegat *part-time* biex jghinu fuq il-helu kontra dak ordnat lilu mid-dirigenti. Dawn fix-xhur *'slow'* ta' Jannar u Frar 2020 ippreparaw bizzejjed helu li gie ffrizat li kien ser jservi lill-lukanda ghal tul ta' zmien anke b'okkupazzjoni normali, ahseb u ara taht il-kundizzjonijiet tal-covid19.

Illi l-helu ppreparat fil-friza kien zgur se jkun bizzejjed ghal bejn Lulju u Settembru 2020 u kien se jibqa' hafna mhux ikkonsmat.

Illi ghaldaqstant ma kien hemmx xoghol disponibbli ghar-rikorrent. Kien minnu li kien ilu impjegat imma kien l-uniku dulcier u allura ma kienetx tapplika 'il-*last in first out*' ghax kien l-uniku mpjegat fil-klassi tieghu.

Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrent fuq l-ahwa dirigenti Spiteri qed jigu kategorikament michuda.

Is-socjeta' ntimata talbet biex dan it-Tribunal jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

**<u>Provi</u>**

F' dawn il-proceduri xehdu x-xhieda migjuba mill-partijiet kif ukoll gew esebiti xi dokumenti.

**<u>Fatti u Kunsiderazzjonijiet</u>**

Dan it-Tribunal ghandu biex jikkunsidra u jiddeciedi jekk it-terminazzjoni tar-rikorrent abbazi tan-nuqqas ta' xoghol jew sensja kienetx wahda gusta.

It-Tribunal fela bir-reqqa d-dikjarazzjonijiet tal-kaz, ix-xhieda, d-dokumenti esebiti u t-trattazzjonijiet finali.

Meta faqqet il-pandemija, is-socjeta' ntimata kellha taghlaq u offriet xoghol alternattiv lill-haddiema kollha. Ir-rikorrent xtaq li johrog bil-*leave* u joqoghod id-dar ghax kien ibaghti bl-azma. Dan jixduh ic-certifikati medici pprezentati. Ir-rikorrent ma kienx dikjarat ufficjalment vulnerabbli izda martu kienet.

Ir-rikorrent kellu diskussjoni mas-Sinjura Julianne Muscat li kienet tiehu hsieb ir-rizorsi umani b' mod specjali fuq il-*wage supplements* li kien ghadu kif introduca l-Gvern. Hawnhekk il-verzjonijiet mix-xhieda ma jaqblux.

Is-Sinjura Julianne Muscat, xehdet li kien ir-rikorrent li qalla biex titterminalu l-impjieg ghax jaqbillu finanzjarjament u li jerga' jidhol fl-impjieg meta s-sitwazzjoni tal-pandemija titjieb.

Ir-rikorrent xehed, li is-Sinjura Julianne Muscat qaltlu li biex jiehu l-*wage supplements* tal-Gvern irid jigi tterminat u jibda jirregistra bil-patt li jkompli jahdem hemm wara.

Dan kollu sar fuq it-*telephone* u r-rikorrent gie fil-fatt itterminat fis-27 ta' Marzu 2020 bir-raguni tkun sensja.

Gara li s-sitwazzjoni tal-pandemija tjiebet u kien se jiftah l-ajruport fl-1 ta' Lulju 2020 u s-socjeta' ntimata ukoll kienet se tiftah il-lukanda fl-istess data fil-15 ta' Gunju 2020 is-Sinjura Julianne Muscat, cemplet lir-rikorrent biex tara jekk iridx jidhol fl-1 ta' Lulju u kkonferma li iva kien lest li jidhol.

Fid-29 ta' Gunju 2020 is-Sinjura Julianne Muscat regghet cemplitlu, imma biex tghidlu li ma kienx hemm xoghol ghalih ghaliex kien hemm hafna helu lest fil-friza. Qaltlu ukoll li jekk fil-futur jerga jkun hemm lok ghal dulcier tikkuntattjah.

Jidher li r-rikorrent ma kienx jmur tajjeb mad-diretturi s-Sinjuri Chris u George Spiteri u fix-xhieda tieghu s-Sur Manuel Gatt, kollega ghal disa' snin mar-rikorrent, ikkonferma l-intimidazzjonijiet, l-ghajjat u theddid fil-konfront tar-rikorrent.

Mix-xhieda fil-kontro-ezami tas-Sinjura Julianne Muscat, hareg ukoll li hi kienet applikat ghal *wage supplements* tal-Gvern ghall-haddiema imma r-rikorrent kien diga tterminat.

Is-Sur Kevin Azzopardi, *head chef*, tal-lukanda ikkonferma li l-haddiema fil-kcina li kienu hemm qabel il-pandemija ghadhom hemm ghajr ir-rikorrent u wiehed li rtira. Ikkonferma ukoll li meta faqqet il-pandemija is-Sinjura Julianne Muscat offrietlu xoghol alternattiv fil-manutenzjoni minflok twaqqfu u ttih l-*wage supplement*. Fix-xhieda qal hekk *'kellmitni u qaltli isma hemm dan il-job, minflok inwaqqfek u ntuk il-wage supplement'*. Jidher li is-Sinjura Julianne Muscat kienet kellmet lil haddiema individwalment.

## <u>Decizjoni</u>

It-Tribunal analizza u wizen il-fatti kif spjegat fuq mid-dikjarazzjonijiet, x-xhieda u t-trattazzjonijiet finali.

Is-socjeta' ntimata ddikjarat li temmet l-impjieg tar-rikorrent fuq bazi ta' sensja liema sensja ma ssemietx meta r-rikorrent hareg bil-leave f' Marzu 2020 u gie tterminat kif spjegat. Lanqas issemmiet fil-15 ta' Gunju 2020 meta r-rikorrent gie nfurmat li l-lukanda se tiftah fl-1 ta' Lulju 2020 u acetta li jidhol. Isemmiet fid-29 ta' Gunju 2020 meta gie nfurmat li m'hemmx xoghol ghalih fl-1 ta' Lulju 2020 ghax b'xogholu stess kien mela l-*frizer* bil-helu u allura ma kienx hemm bzonn dulcier ghal perjodu twil skont is-socjeta' ntimata.

It-Tribunal jinnota nuqqas ta' professjonalita u possibilita' ta' abbuz kif gie ggwidat ir-rikorrent mill-ufficjal tar-rizorsi umani, li l-persuna kienet ukoll tokkupa il-pozizzjoni ta' direttur fis-socjeta' ntimata. Ir-rikorrent kellu fiducja shiha fis-socjeta' ntimata u partikolarment f' din id-direttur. Terminazzjoni li saret fuq it-*telephone*. Konvenjentement xejn bil-miktub.

Il-*wage supplements* tal-Gvern qatt ma kienu possibli jekk xi hadd jittermina l-post tax-xoghol tieghu.

Id-diskors f' Marzu minn din id-direttur ma haddiema ohra kien differenti. Taghthom ghazla bejn izommu l-kundizzjonijiet u jaghmlu xoghol iehor jew jaqghu fuq il-*wage supplement*. Izda mhux li jitterminaw l-impjieg halli jkunu jistghu jikkwalifikaw ghal *wage supplement*.

Il-pozizzjoni tas-socjeta' ntimata rigward x-xoghol tal-helu mhix konvincenti. Qisu dan ix-xoghol kien spicca ghal perjodu twil indefinit. Apparti li fil-process hareg li r-rikorrent kien u seta' jintuza ghal xoghol iehor fil-kcina.

Is-sitwazzjoni unika u eccezzjonali li holqot il-pandemija ma tistax tintuza biex tinholoq sensja. Sensja wahda. Sensja paraventu biex nehilsu minn haddiem. Ikun precedent perikoluz jekk dan jithalla jsir. Is-socjeta' ntimata abbuzat mill-fiducja shiha li r-rikorrent kellu lejn is-socjeta' ntimata wara hmistax-il-sena ta' servizz tajjeb u bla ebda kaz ta' dixxiplina.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jiddeciedi fuq terminazzjoni ngusta u jaghraf lok ghal kumpens lir-rikorrent li qed jigi stabbilit fl-ammont ta' sebat elef u hames mitt ewro (€7,500) liema kumpens ghandu jithallas mis-socjeta' ntimata fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghal finijiet tal-Kap 452. tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' erba u disghin ewro (€94).

B' hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Iffirmat: Is-Sur Edmund Tabone MA, BA (Hons), Dip Mgt**

**Chairman**

**Vera Kopja**

**Daniela Attard**

**Ghas-segretarja**